**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Fl-Atti tar-Rikors Revoka bin-numru 165/2021/1 (BS), wara l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelarotju bin-numru 165/2021 (BS), fl-istess ismijiet:**

**Gatt Enterprises Limited (C-41625)**

**-vs-**

**Road Construction Co. Ltd (C-15677)**

**Illum, 22 ta' Frar, 2022**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ta' Road Construction Co. Limited (C-15677) għar-Revoka tal-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi illi espona:-**

**A. Talba**

1. Dan huwa rikors fit-termini tal-**Artikolu 836(1)** tal-Kap. 12 għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi maħruġ fuq talba tar-rikorrenti Gatt Enterprises Ltd allegatament biex tikkawtela l-pretensjoni tagħha għall-ħlas ta' **€8,369,895** (tmien miljuni, tliet mija disgħa u sittin elf, tmien mija ħamsa u disgħin ewro) *"danni sofferti u li qegħdin isofru riżultat tal-azzjoni li s-socjetà sekwestrata għamlet fil-konfront tas-soċjetà sekwestranta u ċioe' permezz tal-kawza numru 77/2020 fl-ismijiet Road Construction Co. Ltd vs Salvu Mintoff & Sons et, intavolata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Ġurisdizzjoni Generali, kif ukoll il-mandati kollha maħruġa mis-sewkestrata b'rabta mal-imsemmija kawża, fosthom il-mandat ta' sewkestru kawtelatorju fl-istess ismijiet numru 85/2021 b'riżerva għal azzjonijiet ulterjuri u b'riżerva li jiġu kawtelati ammonti ulterjuri jekk ikun hemm il-ħtieġa"*.

2. Il-mandat ta' sekwestru msemmi numru 165/2021BS maħruġ fuq talba ta' Gatt Enterprises Limited m'hu xejn għajr **abbuż tad-dritt**, intiż biss biex jissikka u jagħmel ħsara lill-esponenti bi pretensjoni bla bażi u għal kollox azzardata, liema **pretensjoni QATT ma ġiet avvanzata kontra l-esponenti qabel il-ħruġ ta' dan il-mandat**.

Il-mandat ta' sekwestru imsemmi għandu jitħassar, fost oħrajn, għar-raġunijiet segwenti:

(i) il-pretensjoni tar-rikorrenti mhijiex *prima facie* ġustifikata (Art. 836(1)(d)); u

(ii) mhuwiex raġonevoli li s-sekwestru jinżamm fis-seħħ, u lanqas ma huwa meħtieġ jew ġustifikabbli (Artikolu 836(1)(f)).

**B. Raġuni għat-Talba kontra Gatt Enterprises Ltd fil-kawża Road Construction Co Ltd vs Salvu Mintoff & Sons Ltd et (Rik. Ġur. Nru. 77/2020BS), u għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju kontra tagħha wkoll numru 85/2021**

3. L-esponenti tfakkar li hija kellha tipproċedi għad-danni bil-kawża 77/2020BS, kontra l-aħwa Gatt u xi kumpaniji tagħhom, fosthom Gatt Enterprises Limited, minħabba li din ħadet f'isimha l-unika proprjetà immobbli li l-kumpanija Salvu Mintoff & Sons Limited kellha meta użurpat l-art ta' barriera fil-Qala, Għawdex, li l-esponenti akkwistat b'enfitewsi temporanja fit-18 ta' Settembru 2018. Dan it-trasferiment sar **immedjatament wara l-akkwist tal-esponenti**, b'kuntratt tal-25 ta' Settembru 2018, kif sussegwentement korrett b'att ieħor tas-7 ta' Novembru 2018, it-tnejn pubblikati min-Nutar Dottor Josette Spiteri Cauchi.

**L-*Ultimate Beneficial Owners*, id-diretturi, ir-rappreżentanti u l-uffiċjali taż-żewġ kumpaniji – Salvu Mintoff & Sons Ltd u Gatt Enterprises Ltd – huma l-istess aħwa Gatt, ewlieni fosthom Mario Gatt li ħalef dan il-mandat fl-ismijiet premessi.**

Huwa aktar minn ovvju, li Salvu Mintoff & Sons Limited trasferiet l-unika proprjetà li kellha f'isimha, fuq Gatt Enterprises Limited, bi frodi tad-drittijiet tal-esponenti u bi skop ċar li ma jkollhiex rimedju effettiv kontra Salvu Mintoff & Sons Ltd.

## C. Pretensjoni ta' Gatt Enterprises Limited

4. Il-liġi trid li mandat kawtelatorju jinħareġ fuq ir-responsabbiltà ta' min jikkonferma bil-ġurament tiegħu l-pretensjoni kawtelata, u li tal-anqas is-sekwestrant juri li għandu il-jedd *prima facie* x'jikkawtela. (**Artikolu 829**, Kap. 12).

5. L-esponenti saret taf li Gatt Enterprises Limited għandha pretensjoni kontra tagħha meta ġiet infurmata b'dan il-mandat mill-banek u s-sekwestratarji l-oħra. Hija qatt ma rċeviet ebda interpellanza, informali jew uffiċjali, mingħand Gatt Enterprises Limited, dwar xi jedd pretiż minnha kontra l-esponenti.

Fil-mandat innifsu, is-sekwestranti ma tagħti l-ebda spjegazzjoni fuq kif tippretendi li għandha jedd għall-ħlas tad-danni fis-somma kawtelata ta' €8,369,895 (tmien miljuni, tliet mija disgħa u sittin elf, tmien mija ħamsa u disgħin ewro). Il-mandat lanqas ma jinkludi fih dokumentazzjoni li tista' b'xi mod tfiehem għal xiex jirreferi dan l-ammont eżorbitanti.

L-unika kawżali li ssemmi s-sekwestranti tirreferi għall-kawża għad-danni, bin-numru 77/2020BS, li l-esponenti intavolat kontra tagħha wkoll, u għall-mandat ta' sekwestru numru 85/2021 biex tikkawtela l-jedd tagħha dedott bl-azzjoni imsemmija.

6. Għalkemm il-kawża 77/2020BS ilha għaddejja kważi sentejn, sal-lum ma nstemgħux provi fiha, mhux bi ħtija tal-esponenti, imma minħabba li l-konvenuti l-oħra (mhux is-sekwestranti) appellaw minn digriet tal-Qorti fejn ordnat li jinstemgħu il-provi kollha fuq it-talbiet u l-eċċezzjonijiet sabiex il-kawża ma tiġix spezzettata u ma titwalx bla bżonn. **Gatt Enterprises Limited irrimettiet ruħha għall-appell, u bl-ebda mod ma kkontestatu. Dak l-appell jinsab differit quddiem il-Qorti tal-Appell f'Malta għas-sentenza għas-26 ta' Jannar 2022**.

   Mario Gatt, li jidher bħala rappreżentant ġudizzjarju ta' Salvu Mintoff & Sons Limited, deher ukoll għal Gatt Enterprises Limited, ħalef il-kontenut tal-mandat fis-17 ta' Novembru 2021, jumejn biss wara li ġie trattat l-appell imsemmi quddiem il-Qorti tal-Appell, u l-mandat ta' sekwestru ġie ppreżentat ħmistax wara, fit-3 ta' Diċembru 2021, fl-istess jum li l-esponenti ppreżentat kawża

kostituzzjonali f'Malta minħabba l-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha għall-ħarsien tal-proprjetà u l-possedimenti tagħha u għal rimedju xieraq f'din il-kwistjoni kollha, wara li sal-lum ma rnexxilhiex tottjeni ordni tal-Qorti biex il-barriera tiġi preservata sakemm tiġi deċiża il-kawża dwar il-jedd ta' proprjetà fuqha.

7. Irid jingħad ukoll li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 85/2021, maħruġ fuq talba tal-esponenti kontra Gatt Enterprises Limited ilu fis-seħħ biss mis-26 ta' Ġunju 2021. F'dawn is-sitt xhur, Gatt Enterprises Limited qatt ma ressqet ebda pretensjoni kontra l-esponenti. Flimkien mal-bqija tas-sekwestrati, kienet preżentat talba għar-revoka tiegħu f'Lulju 2020 – dejjem fi żmien il-ferjat jew qribhom – liema talba għadha pendenti sal-lum.

   Immedjatament wara l-ħruġ ta' dak il-mandat ta' sekwestru (85/2021), il-Bank of Valletta plc, bħala sekwestratarju, iddepożita biss żewġ ammonti, kif jidher mill-kopji taċ-Ċedoli annessi (Dokument "RC1" u "RC2"), u minn verifika fuq is-sistema elettronika tal-Qorti tal-lum stess (Dokument "RC3"). Fis-17 ta' Lulju 2021, il-bank iddepożita s-somma ta' mija u tnejn u għoxrin elf u disa' mija u sebgħa u erbgħin ewro (€122,947) minn flejjes ta' Gatt Enterprises Limited, u wara dakinhar, ma sar ebda depożitu ieħor.

## D. L-ammont mitlub fil-mandat mhuwiex *prima facie* ġustifikat

8. F'dan l-isfond kollu, diġà jidher ċar li t-talba tar-rikorrenti biex tikkawtela ruħha kontra l-esponenti, u aktar, l-ammont li trid li tikkawtela, huma **assurdi**. Wieħed jasal li jifhimhom biss jekk iqis li t-talba, u l-kontenut tagħha, saru b'rikatt kontra l-esponenti talli pproċediet skont il-liġi biex iżżomm lil Salvu Mintoff & Sons Limited, waħda mill-kumpaniji tal-aħwa Gatt, milli tkompli tokkupa u tisraq il-blat u l-materjal prezzjuż tagħha. L-azzjoni ta' Gatt Enterprises Limited – id oħra tal-aħwa Gatt – qed issir b'vendetta, u biex l-aħwa Gatt jippruvaw joqtlu lill-uniku kompetitur tagħhom f'Għawdex.

9. Il-pretensjoni dedotta mis-sekwestranti Gatt Enterprises Limited tirreferi għall-kawża 77/2020BS u għall-mandat ta' sekwestru 85/2021BS. Wieħed jifhem li s-sekwestranti qed tgħid li sofriet telf b'konsegwenza tal-preżentata ta' dawn iż-żewġ atti ġudizzjarji.

**Mela d-danni bilfors li bdew iseħħu mal-preżentata tagħhom, u s-sekwestranti allura trid turi, tal-anqas *prima facie*, li mill-preżentata tagħhom 'l hawn, hija tilfet is-somma ta' tmien miljuni u tliet mija u disgħa u sittin elf u tmien mija u ħamsa u disgħin ewro (€8,369,895). Il-kawża ġiet intavolata fis-7 ta' Ottubru 2020, u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 85/2021BS fil-25 ta' Ġunju 2021.**

Kif ġa ingħad, flejjes minn tas-sekwestranti hemm depożitati l-Qorti madwar mija u tlieta u għoxrin elf ewro (€123,000) biss.

10. In-natura fażulla tal-pretensjoni tas-sekwestranti, hekk ċara mad-daqqa t'għajn, hija konfermata mill-kontenut tal-*Audited Accounts* tagħha reġistrati mar-Reġistratur tal-Kumpaniji għal dawn l-aħħar ħames snin (Dokumenti "RC4" sa "RC8").

Minn dawn l-*accounts* uffiċjali joħroġ ċar li l-pretensjoni ta' telf ta' tmien miljuni u tliet mija u disgħa u sittin elf u tmien mija u ħamsa u disgħin ewro **(€8,369,895)** hija fabbrikata, u ma tista' tiġġustifikaha bl-ebda mod. Imkien b'dawn l-*accounts* ma tista' tispjega il-pretensjoni ta' dawn id-danni. **Mario Gatt ħalef il-falz, mingħajr l-iċken sforz li jiġġustifika din il-pretensjoni tiegħu**. Biżżejjed jingħad li skont dawn l-*accounts* uffiċjali, fl-2020 il-valur totali tal-kumpanija kien ta' erba' mija u ħmistax-il elf u seba' mija u erbgħin ewro (€415,740)[1]. Dan ifisser li kieku, għas-saħħa tal-argument, Gatt Enterprises Limited, b'konsegwenza tas-sekwestru u l-kawża tal-esponenti, kellha titlef kull ma għandha u tispiċċa, mill-*financial statements* uffiċjali jirriżulta li f'dan il-każ estrem, it-telf massimu li tkun ġarrbet ma jkunx aktar minn erba' mija u ħmistax-il elf u seba' mija u erbgħin ewro (€415,740).

Mill-*financial statements* għas-snin 2016 sa 2020, jidher li l-valur tal-kumpanija żdied minn mitejn u tlieta u tmenin elf u ħmistax-il ewro (€283,015) għal erba' mija u ħmistax-il elf u seba' mija u erbgħin ewro (€415,740), li jfisser medja ta' sitt u għoxrin elf u ħames mija u ħamsa u erbgħin ewro (€26,545) biss fis-sena, u l-impjegati tagħha laħqu massimu ta' ħdax(11)-il impjegat. Is-somma żgħira li nqabdet bis-sekwestru tal-esponent tkompli tikkonferma dan kollu.

---

[1] Dok. RC8: ara l-item '**Equity**' f'paġna 4 tal-*financial statements* fejn ġie mmarkat bl-isfar biex jiġi identifikat faċilment.

Jinkombi għalhekk fuq Gatt Enterprises Limited li tispjega lil din il-Qorti kif waslet għall-pretensjoni ta' tmien miljuni u tliet mija u disgħa u sittin elf u tmien mija u ħamsa u disgħin ewro €8,369,895 danni fi ftit xhur biss, fuq xiex ibbażata, u x'kalkoli użat.

11. Fil-provvediment li tat din il-Qorti stess fit-18 ta' Diċembru 2020 fl-ismijiet *Road Construction Co. Ltd vs Salvu Mintoff and Sons Ltd* (Sekwestru Numru 98/2020BS), jingħad li fir-rigward tal-kawżali taħt l-artikolu 836(1)(d), **is-sekwestrant għandu juri *prima facie* li l-ammont kawtelat jirriżulta, mad-daqqa t'għajn, ġustifikat, u li ma jirriżultax, l-istess mad-daqqa t'għajn, li ntalab b'mod azzardat**. Fid-digriet tagħha, din il-Qorti tiċċita l-każ ***Galea vs Stewart***[2] fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rraġunat li "*Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan* ***li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b`mod azzardat***".

12. Din l-istess linja ta' ħsieb kienet addottata fil-provvediment fl-ismijiet ***Casino-For-Me Limited v Chartwell Games (Malta) Limited***[3] fejn intqal li, dak li għandu jiġi determinat għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(d) huwa jekk, mad-daqqa t'għajn, is-sekwestrant għandux bażi ta' pretensjoni (*fumus juris*), u jekk il-*fumus juris* hux likwidat f'somma li taqbel ma' dik reklamata fil-mandat maħluf.

13. Dan kollu jirriżulta ampjament karenti fil-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, u għalhekk għandu jiġi immedjatament revokat.

## E. Il-Mandat 165/2021 sar b'malizzja u huwa frivolu u vesstarju

14. Il-Qrati tagħna kemm-il darba kellhom okkażjoni jikkummentaw kemm il-mandati kawtelatorji huma odjużi, u ma għandhomx jiġu permessi leġġerment. Fid-deċiżjoni ***Tal-General vs Kunsill Lokali Mosta*** tal-24 ta' Frar 2010, il-Qorti qalet illi: "*(mandat) m'għandux jinħareġ biex iġib l-allegat debitur għarkupptejh, bid-dovut rigward għad-drittjiet tal-allegat kreditur illi jekk ikollu indizju ċar li l-kreditu tiegħu jista' jiġi eluż (kif kien jingħad fir-rikorsi għall-ħruġ tagħhom antikament,*

[2] Fid-29 ta' Lulju, 2005

[3] Fil-5 ta' Settembru, 2008 kif ukoll fil-provvediment b'referenza għall-mandat ta' sekwestru 1378/2012 fl-ismijiet **Carmel Debono et vs Paul u Demanuele et** , fit-13 ta' Awwissu, 2013

*u ċjoe' qabel ir-rikorsi saru formoli apposta) ikun jista' jitlob miżuri maħsuba mill-istess liġi biex jipproteġi d-drittijiet tiegħu."*

15. Għal aktar minn ħames (5) xhur kemm kienet ilha milquta bis-sekwestru numru 85/2021 qabel intavolat dan is-sekwestru hi, is-sekwestranti **Gatt Enterprises Limited QATT ma ressqet ebda pretensjoni, ta' danni jew xort'oħra, kontra l-esponenti, la b'xi mod konnessa ma' dak is-sekwestru u l-kawża fil-mertu, u lanqas ma' xi ħaġa oħra.**

16. Ma hemmx mod ieħor kif tispjega dan l-aġir tas-sekwestranti ħlief bħala wieħed malizzjuż, abbużiv tad-drittijiet proċedurali, u motivat biss minn animu vendikattiv, b'intenzjoni ċara li tagħmel ħsara kummerċjali rreparabbli lill-esponenti, u telimina l-uniku kompetitur veru li għandha f'Għawdex.

F'dan ir-rigward, l-esponenti tagħmel riferenza għal dak spjegat fis-sentenza ***Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri*** (P.A. J.S.P. 10 ta' Jannar 1992) fejn ġew riaffermati s-segwenti prinċipji:-

> …
>
> *(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' ("**Emanuele Calleja vs Carmelo Grima**" - A.C. - XXXIX. I. 24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpusa ("**Agius vs Dott. Carbone nomine**" - XIII. 434 - 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite". (**gliette vs Bezzina**" - XXVI. I. 405).*
>
> *(e) Illi dan l-ahhar principju huwa ibbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-*
>
> *"Il diritto cessa dove comincia l'abbuzo … … riteniamo che basta, per prottegere tutti gl'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti". Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna*

*jfisser illi: "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario…..". (Baudry - Lanactinerie. -* ***Trattato Prattico di Diritto Civile - Delle Obligazioni****- Vol. VI. Pg.560).*

## F. Talba għall-Ħlas ta' Penali

17. F'dan l-isfond, ma hemmx raġuni għalxiex din il-Qorti ma tużax il-poter mogħti lilha bl-**artikolu 836(8) tal-Kap. 12**, biex timponi ħlas ta' penali fuq is-sekwestranti. F'dan il-każ, mingħajr ebda interpellanza, Gatt Enterprises Limited talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru, mingħajr ebda bażi, għal ammont eżaġerat u fabbrikat, unikament biex tagħmel il-ħsara lill-esponenti.

18. Ġie ritenut li *"l-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta'*[4]. *'[D]ak li l-Qorti trid tara f'dan l-istadju tal-kawza ... huwa jekk l-intimat kellux prima facie bazi guridika li fuqha seta' jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt per se ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu l-ebda mod jigi pregudikat, u wisq anqas id-dritt ta' persuna li tipprotegi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti"*.[5]

19. Is-sekwestranti Gatt Enterprises Ltd **qatt ma avvanzat ebda pretensjoni kontra l-esponenti**, wisq anqas għal dik mertu ta' dan il-mandat, qabel ma talbet il-ħruġ tiegħu.

L-**artikolu 836(8)(b)** jipprovdi li *"jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed"*, din il-Qorti tista' timponi l-obbligu tal-ħlas ta' penali fuq is-sekwestrant.

---

[4] **David Buhagiar vs CFS Construction Limited et, Rik. Nru.** 1053/2014, Prim'Awla (JRM), 2.1.5015

[5] **John Zarb vs Port Cottonera Limited**, Prim'Awla, 18.9.2002

M'hemmx dubju li dan huwa l-każ klassiku li fih is-sekwestranti għandha tiġi akkollata l-konsegwenza xierqa tal-azzjoni abbużiva tagħha, diretta biss biex tagħmel ħsara lill-esponenti.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq spjegati, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha:

(i) tirrevoka u tħassar il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi ai termini tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12;

(ii) tikkundanna lis-sekwestranti tħallas lill-esponenti penali f'dik is-somma li din il-Qorti jidhirlha xierqa kif provdut fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12.

Bl-ispejjeż u b'riżerva għad-danni kollha ġa sofferti, u li għad jistgħu jsofru, l-esponenti bi ħtijiet tas-sekwestranta u tar-rappreżentant tagħha.

**Rat ir-risposta ta' Gatt Enterprises Ltd (C-41625) għar-Rikors ta' Revoka tat-3 ta' Jannar 2022 tas-soċjetà Road Construction Co. Ltd illi esponiet:**

1. Illi primarjament is-soċjetà esponenti topponi għat-talba tas-sekwestrati għat-tħassir tal-preżenti mandat ta' sekwestru;

2. Illi jirriżulta li a bażi tar-rikors tas-soċjetà sekwestrata hija qiegħda tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċjoè fuq il-fatt illi l-pretensjoni tas-soċjetà rikorrenti m'hijiex *prima facie* ġustifikata u l-fatt illi ma huwiex raġonevoli li s-sekwestru jinżamm fis-seħħ, u lanqas ma huwa meħtieġ jew ġustifikabbli;

3. Illi l-mandat odjern inħareġ sabiex jikkawtela t-talbiet tal-esponenti fil-kawża Nru. 113/2021SG fl-istess ismijiet tal-mandat odjern, rigwardanti danni illi s-soċjetà esponenti sofriet u għadha qiegħda ssofri u ser tkompli ssofri minħabba l-aġir u l-azzjonijiet vessatorji tas-soċjetà intimata fil-konfront tal-esponenti;

4. Illi s-soċjetà esponenti qiegħda topponi ruħha għar-revoka tal-mandat odjern peress illi mid-data tal-ħruġ tal-mandat odjern, u ċjoè mit-3 ta' Diċembru 2021 ma nbidel xejn fis-sitwazzjoni bejn is-

soċjetajiet involuti u apparti minn hekk ma teżisti l-ebda waħda mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 836(1)(d) u 836(1)(1), li b'xi mod tista' tiġġustifika r-revoka tal-mandat preżenti. Illi in partikolari dwar l-Art. 836(1)(f) ingħad hekk mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'digriet tat 12 ta' April 2021 fl-ismijiet *Anthony Xerri vs Claudette Spencer et:*

Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836(1)(f) tal-Kap. 12.

L-Art 836(1)(f) tal-Kap. 12 jipprovdi illi jista' jintalab ir-revoka, in toto jew in parte, ta' mandat kawtelatorju: 'jekkjintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fi seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

Illi Hija pożizzjoni stabbilità fil-ġurisprudenza tagħna illi sabiex mandat jiġi rexiss abbażi ta' din il-kawżali jeħtieġ li jkun hemm bidla fiċ-ċirkustanzi wara li jkun inħareġ il-mandat. Digriet li jiġi kkwotat ta' spiss f'dan ir-rigward (u li sab postu ukoll fir-risposta tal-intimat) huwa dak li kien ġie mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mill-Onor Imħallef Joseph R. Micallef fil-25 ta' Awwissu 2010 fl-ismijiet "Francis Sp Charles Darmanin et." (Rikors Numru. 571/2010 JRM) fejn il-Qorti kienet qalet hekk: "Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għalkollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ." F'dan is-sens ukoll din il-Qorti diversement presjeduta tenniet fis-sentenza fl-ismijiet Roberto Carlos Calleja v. Gerard Dominic Borg Mizzi (Maġistrat Rachel Montebello, deċiża 12 ta' Frar 2020) illi: "Kwantu ghas-sottomissjoni tar-rikorrent illi m'huwiex ragionevoli illi l-Mandat de quo jinzamm fis-sehh jew illi l-att jew parti minnu m'huwiex iktar mehtieg jew ġustifikabbli, il-Qorti tosserva illi ġie kostantement ritenut mill-qrati tagħha illi l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 teħtieġ illi jintwera li tkun tbiddlet xi ċirkostanza wara l-ħruġ tal-Mandat, li minħabba fiha ma jkunx xieraq lil istess Mandat jibqa' fis-seħħ in toto jew in parti.

Illi Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ. Sabiex issir din l-analiżi wieħed irid jistabbilixxi jekk mid-data tal-ħruġ tal-Mandat għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-Mandat. Issa, il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju huma li l-persuna li titlob il-ħruġ tal-Mandat:- "(a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (c)li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jigi esegwit taħt ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu". Illi fil-każ odjern ma ntweriex illi mid-data meta nħareg il-Mandat in kwistjoni, kien hemm xi tibdil fiċ-ċirkostanzi sabiex il-Qorti tista' tasal biex tiddeċiedi li l-ħruġ tal-mandat li kien raġjonevoli jew ġustifikabbli, issa m'għadux."

L-istess raġunament japplika ukoll bis-sħiħ għal dan ir-rikors. Fil-fatt ir-rikors innifsu jagħmilha ċara illi r-revoka tal-mandat abbażi ta' din il-kawżali qed jintalab għaliex mill-bidu nett dan il-mandat kien bla bażi u kompletament inġustifikabbli mentri dak li trid il-liġi huwa illi wara li jinħareġ l-istess mandat dan inter alia isir in toto jew in parte inġustifikabbli. Għalhekk il-Qorti ser tirrispinġi t-talba tar-rikorrenti għar-revoka tal-mandat abbażi ta' din il-kawżali.

…

Fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti għall-penali minħabba li skont huma l-mandat sar b'malizzja, kien frivolu u vessatorja, il-Qorti tqis li m'hemm xejn malizzjuż, frivolu jew vessatorju, tal-inqas mad-daqqa t'għajn, fit-talba tar-rikorrenti. F'dan ir-rigward jingħad ukoll però illi anke jekk in fino al fondo 'il quddiem din il-Qorti li l-intimat ma kellux raġun u ċjoè li ma kellux il-jedd pretiż kontra r-rikorrenti, dan ma jġibx b'daqshekk illi dan il-mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li mandat kawtelatorju jkun nħareġ b'mod vessatorju j*ew* fieragħ";

5. Illi s-soċjetà esponenti umilment tissolleva, illi fil-waqt illi s-soċjetà konvenuta intavolat ir-rikors odjern **b'urġenza**, l-element ta' urġenza jintilef meta wieħed jinnota illi l-mandat odjern ilu li ntalab mit-3 ta' Diċembru 2021, ġie maħruġ min dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduti fis-6 ta' Diċembru 2021, iżda r-rikors b'urġenza ġie intavolat mis-soċjetà sekwestrata kważi xahar wara li nħareġ l-imsemmi mandat ta' sekwestru;

6. Illi l-pretensjoni tas-soċjetà intimata Road Construction Co. Ltd., kif tistqarr hija stess fil-kawża suċitata nru. 77/2020BS, hija kollha kemm hi bbażata fuq kuntratt li l-istess Road Construction Co Ltd daħlet fih nhar is-sbatax (17) ta' Settembru 2018 u li permezz tiegħu l-istess Road Construction Co Ltd tippretendi li akkwistat mingħand Dr Patrick Valentino b'titolu ta' emfitewsi temporanja għall-perjodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena li jibdew jiddekorru mid-data tal-att, porzjon diviża mill-art magħrufa "Ta' Għar id-Dar" fil-limiti ta' Qala, Għawdex, tal-kejl ta' madwar ħamest elef, disa' mija u erbgħa u għoxrin metru kwadru (5,924m.k.) u konfinanti min-nofsinhar u mill-punent ma' beni tal-Abbazia di Sant'Antonio delli Navarra u mit-tramuntana ma' beni tal-emfitewta (kopja tal-kuntratt hawn annessa u mmarkata Dok. A);

7. Illi l-fuq imsemmi kuntratt huwa *res inter alios acta* għal Gatt Enterprises Ltd;

8. Illi l-art li Road Construction Co Ltd qiegħda tippretendi li akkwistat bil-ftehim tal-2018 ilha fil-pussess tas-soċjetà Salvu Mintoff & Sons Ltd għal snin twal sa mis-sena 1997 u l-istess Salvu Mintoff & Sons Ltd għandha żewġ ftehimiet (ferm anteċedenti għal dak ta' Road Construction Co Ltd tas-sena 2018) li a bażi tagħhom teżerċita d-drittijiet tagħha fuq l-art in kwistjoni u territorju akbar. Dawn il-ftehimiet huma datati l-14 ta' April 1998 u t-28 ta' April 1998 u saru ma' Richard dei Conti Stagno Navarra Muscati (kopji tal-atti hawn annessi u mmarkati Dok. B u Dok. C rispettivament), allura, bħala l-attwali possessur tal-giuspatronat lajkali ta' Sant' Antonio Abbate delli Navarra, u dawn saru sabiex l-istess soċjetà Salvu Mintoff & Sons Limited (C5093) tkun tista' tqatta' l-blat u tagħmel użijiet oħra relatati mal-art magħrufa ta' Għar id-dar, fil-limiti ta' Qala, Għawdex, sabiex tkompli tkabbar l-operat tagħha;

9. Illi għall-kompletezza jingħad ukoll illi s-socjetà Salvu Mintoff & Sons Limited stess esebiet dokumentazzjoni fil-kawżi li hemm pendenti mas-socjetà Road Construction Co Limited fejn uriet li l-istess porzjon ta' art kienet ilha fil-pussess tal-istess socjetà Salvu Mintoff & Sons Limted saħansitra sa minn Settembru 1997 u dan kif jidher mill-annessa dikjarazzjoni tal-Avukat Carmelo Galea esebita fil-Qrati mis-socjetà Salvu Mintoff & Sons Limted stess, kopja tagħha hawn annessa u mmarkata bħala Dok. D.

10. Illi s-soċjetà Gatt Enterprises Limited ma għandha x'taqsam xejn ma' dawn iż-żewġ ftehimiet tal-1998 u ma hix parteċipi fihom, iżda dan ma żammx lis-soċjetà konvenuta Road Construction Co Ltd milli tinkludi u tkaxkar lis-soċjetà esponenti fil-kawża suċitata nru. 77/2020BS, fuq il-bażi illi s-soċjetà sekwestrata qiegħda tallega illi Salvu Mintoff & Sons Limited żvestiet ruħha mill-assi kollha tagħha u għaddiethom lis-soċjetà esponenti Gatt Enterprises Limited;

11. Illi ulterjorment is-socjetà sekwestrata Road Construction Co. Ltd. imxiet pass ieħor sabiex tkompli tkaxkar fit-tajn l-isem u r-reputazzjoni tas-soċjetà esponenti, billi ħarġet ukoll kontriha Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 85/2021BS għall-valur ta' tliet miljuni u tliet mija u disgħa u tmenin elf u tmien mija u ħamsa u sebgħin ewro (€3,389,875), liema azzjonijiet ġudizzjarji tas-soċjetà sekwestrata qegħdin iwasslu sabiex is-soċjetà esponenti tbati finanzjarjament - dan għaliex l-istess soċjetà esponenti qiegħda tiġi ristretta fin-negozji tagħha tant li bħalissa tinsab kważi wieqfa f'dak li kienet tagħmel peress li l-kontijiet bankjarji tagħha u allura anke l-faċilitajiet finanzjarji tagħha jinsabu ffriżati minħabba l-azzjoni vessatorja li ħadu s-sekwestrati fil-konfront tagħha. Dan kollu qed ikollu riperkussjonijiet kummerċjali inġenti;

12. Illi s-soċjetà esponenti tissottometti illi l-allegazzjoni illi l-valur tal-mandat odjern ma huwiex ġustifikat bl-ebda mod u skont l-Artikolu 836(1)(d) tal Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija allegazzjoni infondata fil-fatt u fid-dritt;

13. Illi s-soċjetà esponenti tirrileva illi hekk kif inhu elenkat iktar 'il fuq, is-soċjetà esponenti sofriet u qiegħda ssofri danni minħabba l-aġir u l-azzjonijiet tas-soċjetà sekwestrata, u għalhekk il-valur li għalih intalab il-ħruġ tal-mandat odjern, hekk kif jidher mid-dokument

hawn anness u mmarkat Dok. E, huwa altru milli ġustifikat. Is-soċjetà esponenti ma tistax topera n-negozju tagħha kaġun tal-azzjonijiet ġudizzjarji meħuda mis-sekwestrata u għalhekk qed titlef qligħ kbir. Id-dħul tas-soċjetà esponenti għas-sena 2020 (jiġifieri s-sena qabel ma bdew l-azzjonijijet tas-sekwestrata kontra l-esponent) kien ta' miljun u sitt mija u tlieta u sebgħin elf u disa' mija u disgħa u sebgħin ewro (€1,673,979). Issa li l-operat tagħha huwa ġġammjat tort tas-sekwestrata, l-esponenti ma hi qed iddaħħal xejn. Dan l-istat ta' fatt ser ikompli sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri fil-kawża 77/2020 li bdiet is-sekwestrata kontra s-soċjetà esponenti u oħrajn. L-esponenti kienet konservattiva u kkalkulat it-telf tagħha fuq perijodu ta' ħames (5) snin, għalkemm huwa probabbli li l-kawża 77/2020 tieħu aktar fit-tul jekk xi ħadd mill-partijiet jappella mis-sentenza finali. Kwindi l-valur tal-mandat odjern ġie kalkulat in bażi tad-dħul annwali li s-socjetà esponenti qed titlef minħabba l-aġir tas-sekwestrata, u dan għal perjodu ta' ħames (5) snin u dejjem mingħajr preġudizzju għal danni ulterjuri (għalhekk €1,673,979 x 5 = €8,369,895). Għalhekk evidentement il-pretensjoni tal-esponenti hija mhux biss ġustifikata iżda wkoll ibbażata fuq kalkoli u dokumenti ċari, u assolutament mhux minnu li Mario Gatt ħa xi ġurament falz meta huwa kkonferma l-mandat ta' sekwestru bil-ġurament tiegħu;

14. Illi addizzjonalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-provvediment mogħti fil-21 ta' April 2014, fil-proċeduri fl-ismijiet K**armena Callus et vs. Dione Cassar et**, spjegat hekk: "*Illi minbarra dan, kif jgħidu tajjeb l-eżekutanti, mkien ma huwa mitlub fil-liġi li l-kreditur eżekutant ta'* M*andat kawtelatorju jrid ta' bilfors iressaq ukoll xi dokumenti li juru jew isaħħu t talba. Dak li titlob il-ligi huwa i r-rikorrenti, bil-ġurament tiegħu, jsemmi x'inhu l origini tad-dejn u, ladarba l-pretensjoni hija dwar dejn jew talba li tkun sodisfatta bi ħlas ta' ammont ta' flus, "l-ammont li għalih tammonta t-talba.*"

15. Illi hekk kif irriteniet il-Qorti fil-provvediment tal-21 ta' Diċembru 2012 Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' Kontromandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1655/2012 fl-ismijiet Edward Vella vs. Charles Deguara, *"Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn*

*li l intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel ma' l-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leggerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti.*

*Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eccessio", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jkun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx ta' bilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont swewestrat."*

16. Illi s-soċjetà sekwestrata ma tistax targumenta illi l-mandat odjern qiegħed ixekkel l-operat tagħha u dana peress illi hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok. F, meħud minn fuq is-sistema elettronika tal-Qorti, l-unika żewġ ċedoli ta' depożitu (numri 461/2021 u 462/2021) illi ġew preżentati fl-atti tal-mandat odjern kienu ċedoli li jwasslu għal total miżeru ta' tmint elef ewro (€8,000) u dan meta huwa fatt magħruf ġewwa Għawdex li s-soċjetà sekwestrata hija waħda li tagħmel ħafna xogħlijet inkluż a benefiċċju ta' entitajiet pubbliċi, Ministeri u Kunsilli Lokali, u huwa fatt magħruf ukoll li s-sekewstrata għadha għaddejja bix-xogħol tagħha fosthom it-tqattigħ tal-blat mill-barriera li għandha fil-limiti tal-Qala u t-triq li minn Nadur tagħti għall-Mġarr;

17. Illi in kwantu t-talba tas-soċjetà sekwestrati sabiex il-Qorti timponi ħlas ta' penali fuq l-esponenti minħabba nuqqas ta' interpellanza jew minħabba nuqqas ta' bażi għal valur tal-mandat, l-esponenti jissottomettu illi din it-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi hekk kif ġie espressament identifikat iktar 'il fuq, il-mandat odjern kien meħtieġ minħabba azzjonijiet vessatorji illi ttieħdu mis-soċjetà sekwestrata sabiex kissru u ħammġu isem u r-reputazzjoni tas-soċjetà esponenti permezz ta' atti ġudizzjarji li ttieħdu mingħajr ebda bażi ta' xejn. Inoltre l-esponenti kemm-il darba tenniet f'atti ġudizzjarji li l-azzjoni tas-sekwestrata kienet qed tesponiha għad-danni, u fil-fatt fir-rikors li l-esponenti stess

ippreżentat fil-Qorti fejn talbet ir-revoka tal-mandat numru 85/2021 l-esponenti pprotestat li kienet qed issofri d-danni u ddikjarat hekk:

*"Illi inoltre minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, evidentement jekk il-mandat odjern ma jigix revokat dan sejjer ikollu effett negattiv drastiku u estrem fuq l-operat tas-socjetajiet esponenti u l-pagi u dhul tal-esponenti l-ohra, u ghalhekk qieghed jesponi lill-esponenti ghal danni kbar, sahansitra hafna akbar mill-ammont ta' danni pretiz mis-sekwestranta stess. Jekk il-mandat odjern ma jitnehhiex l-esponenti sejrin jispiccaw ma jistghux jahdmu u kull negozju taghhom u kull introjtu taghhom ikollu jieqaf. Id-dannu arrekat lilhom ikun bl-akbar rispett hafna akbar mid-dannu li qed tirreklama (ingustifikatament) is-sekwestranta. Fic-cirkostanzi ghalhekk l-esponenti jhossu li hemm l-estremi biex a tenur tal-Artikolu 838*A *tal-Kap.12 f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li ma tirrevokax il-mandat de quo hija ghandha tordna lis sekwestranta biex taghmel garanzija adegwata biex tkopri d-danni li qed tesponi lill esponenti ghalihom.*

*Illi inoltre* in *vista tal-portata tal-mandat odjern huwa imperattiv li din l-Onorabbli Qorti taghti lill-partijiet udjenza li fiha jkunu jistghu isiru s-sottomissjonijiet kollha, u l-esponenti jitolbu li din l-udjenza tigi appuntata bl-urgenza in vista tal-fatt li bhalissa l-esponenti huma milquta b'dan il-mandat u ghalhekk qieghdin diga' jgarrbu danni gravi u impatt negattiv serju fl-operat taghhom u ma jistghux jibqghu f'din is sitwazzjoni tul il-perijodu kollu li fih ikun hemm il-ferjat tas-sajf fil-Qrati. Inoltre s socjetajiet esponenti jehtigilhom ihallsu l-pagi u hlasijiet ohra u ma jistghux jaghmlu dan jekk il-mandat jithalla fis-sehh;"*

Għalhekk evidentement mhux minnu li s-sekwestrata spiċċat rinfaċċjata b'mandat u kawża mingħajr preavviż. Inoltre kif rajna l-pretensjoni tal-esponenti la hija frivola u lanqas vessatorja u għalhekk ma hemm ebda lok għall-impożizzjoni ta' penali fil-konfront tal-esponenti;

18. Illi saħansitra, is-soċjetà esponenti umilment tissottometti illi t-talbiet tas-soċjetà sekwestrata huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

19. Illi għal dan il-għan is-soċjetà esponenti tirrileva illi għandha interess ċar li l-mandat odjern jibqa' ppreżervat fl-istat li hu, u li jibqa' fis-seħħ fl-intier tiegħu sakemm tiġi deċiża l-kawża li segwiet dan il-mandat, u ċjoè il-kawża nru. 113/2021 fl-istess ismijiet li ġiet

assenjata lil din l-Onorabbli Qorti kif preseduta, u dana peress illi d-drittijiet u l-pretensjonijiet tas-soċjetà esponenti jistgħu jiġu mħarsa biss jekk il-preżenti mandat jibqa' fis-seħħ fl-intier tiegħu;

20. Illi jiġi rilevat ukoll illi huwa tassew ironiku li Road Construction Co Ltd tagħmel ċerti argumenti u tiċċita ċertu ġurisprudenza dwar abbuż ta' proċedura u vessatorjeta, bħalma semmiet il-każ ta' *Tal-General vs Kunsill Lokali Mosta* fejn jingħad li mandat ma għandux jinħareġ biex ipoġġi lill-allegat debitur għarkobbtejh, għaliex kieku żammet dan kollu f'moħħha ma kienet qatt toħroġ l-atti kawtelatorji intavolati minnha stess kontra s-soċjetà esponenti. Kienet Road Construction Co Ltd stess li pproċediet b'mod affrettat u irrazzjonali kontra l-esponenti u spiċċat biex ġabet lill-esponenti f'sitwazzjoni fejn ma tistax topera finanzjarjament. Kienet Road Construction Co Ltd li ppruvat toħnoq lill-esponenti u lill-grupp kollu ta' Gatt biex telimina lill-kompetitur tagħha mis-suq lokali u ġġibu għarkobbtejh. Meta għamlet dan kollu messha qagħdet attenta għaliex issa li esponiet lill-esponenti għal danni kbar trid toqgħod għall-konsegwenzi tal-aġir tagħha stess.

21. Illi l-esponenti għandha kull dritt li tikkawtela ruħha kontra d-danni kkaġunati lilha u li tipproċedi b'kawża għad-danni. Jiġi mfakkar illi skond Road Construction Co Ltd l-involviment kollu ta' Gatt Enterprises Limited huwa minħabba li sar trasferiment ta' art minn Salvu Mintoff & Sons Ltd lill-esponenti u li ma għandha x taqsam xejn mal-biċċa art li qiegħda tivvanta l-pretensjonijiet tagħha. L-art trasferita lill-esponenti hija tal-valur ta' ħamsa u sebgħin elf ewro (€75,000) kif jirriżulta mill-anness kuntratt immarkat Dok. G. Minkejja dan, Road Construction Co Ltd intavolat mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-esponenti fl-ammont fenomenali ta' tliet miljuni u tliet mija u disgħa u tmenin elf u tmien mija u ħamsa u sebgħin ewro (€3,389,875) (ara mandat numru 85/2021 li kopja tiegħu tinsab hawn annessa bħala Dok. H). Evidentement ma hemm ebda korrelazzjoni bejn (i) il-valur tal-art li Road Construction tgħid li ġiet akkwistata mill-esponenti bi frodi tad-drittijiet tagħha u (ii) l-ammont kawtelat minn Road Construction. L-ispirtu kollu kien biex Road Construction tpoġġi lill-kompetituri tagħha għarkobbtejhom, propju kif jingħad f'*The General vs Kunsill Lokali Mosta.* Meta għamlet hekk Road Construction ġabet lill-esponenti f'sitwazzjoni ta' rovina finanzjarja u d-danni li kkawżat u qiegħda tikkawża lill-esponenti huma ħafna

u ħafna akbar mid-danni li qatt setgħet ikkawżat l-esponenti (u dan qed jingħad mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni li fil-fatt l-esponenti ma kkawżat l-ebda danni stante li l-art ġiet trasferita lilha għal korrispettiv u hija bl-ebda mod ma pparteċipat f'xi frodi jew mod ieħor ippruvat tintralċja xi dritt tas-soċjetà hawn sekwestrata). Hawnhekk issir referenza għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Ġunju 2016 (ikkonfermata fl-appell fis-27 ta' Ottubru 2017) fl-ismijiet *Il-Perit Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona e*t u għar-rassenja ta' ġurisprudenza hemm kontenuta li tittratta dwar mandati maħruġa vessatorjament u kontra entitajiet li ma kienux strettament involuti fil-litiġju mad-debitur prinċipali;

Għaldaqstant, għar-raġunij**iet hawn fuq premessi**, din il-Qorti għandha tiċħad it-talba tas-soċjetà **sekwestrata għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi u għal kundanna ta' ħlas mis-soċjetà esponenti ta' penali skont l-Artikolu** 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bl-ispejjeż kontra l-istess socjetà sekwestrata.

**Il-Qorti;**

Rat l-atti kollha;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Dan hu digriet wara rikors intavolat mis-socjetà rikorrenta sekwestrata Road Construction Co. Ltd (C-15677) li permezz tiegħu qed titlob it-tħassir tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 165/2021/1 u dan a bażi tal-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll li jiġu imposti penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 billi skont hi l-mandat ta' sekwestru li nħareġ kontriha fuq talba tas-socjetà sekwestranta Gatt Enterprises Limited (C-41625) sar frivolożament u biex jivvessaha.

Jirriżulta li b'rikors ippreżentat fit-3 ta' Jannar 2022 is-socjetà rikorrenta sekwestrata Road Construction Co Ltd (minn issa 'l quddiem ir-rikorrenta) spjegat illi fuq talba tas-socjetà intimata sekwestranta Gatt Enterprises Ltd. (minn issa 'l quddiem l-intimata) inħareġ mandat ta'

sekwestru kontriha fl-ammont ta' tmien miljuni u tliet mija u disgħa u sittin elf u tmien mija u ħamsa u disgħin ewro ( €8,369,895).

Ir-rikorrenta qed titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatroju u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12 Liġijiet ta' Malta. Qed titlob ukoll l-impożizzjoni ta' penali.

**Konsiderazzjonijiet**

Fi proċedura bħal dik tal-lum *"...l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja[6]."*

Ġie ritenut ukoll li *" [...] dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza."[7]*

Barra minn hekk dak li l-Qorti trid tasal għalih f'dawn il-proċeduri ma għandux jitqies li jkun qed isir xi ġudizzju fil-mertu, u fi proċeduri bħal dawn jeħtieġ biss li l-Qorti tistħarreġ mad-daqqa t'għajn li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu, ċjoè li s-sekwestrant għandu bażi ta' pretensjoni u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Biex twettaq dan l-istħarrig il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u mill-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares l-interessi tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament[8].

Din il-Qorti tisħaq illi l-proċedura ta' revoka ta' mandat dedotta taħt l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala xi forma ta' appell mid-digriet li permezz tiegħu ntlaqa' l-mandat. L-Artikolu 836 jipprovdi istanzi li s-sekwestrat jista' jibbaża l-azzjoni

[6] Joseph Camilleri et vs. Anthony Govè et, deċiża fl-10 ta' Mejju 2001
[7] Doris Sant vs. Alfred Sant (Rik Nru 203/2014 LSO) deċiżi mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-14 t'Ottubru 2014,
[8] Technobroadcast Srl vs. Mediterranean Broadcasting Limited mogħti fil-5 ta' Ġunju 2007

tiegħu sabiex jitneħħa l-mandat. Il-Leġislatur ried jaċċerta ruħu għalhekk illi jekk il-ġudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-seħħ, dan ikun jista' jitneħħa permezz ta' kontromandat. Min-naħa l-oħra jekk ir-raġunijiet tas-sekwestrat in sostenn tat-talba tiegħu għar-revoka tal-mandat kawtelatorju imorru lil hinn mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 836, allura t-triq miftuħa għalih hija li jistitwixxi azzjoni b'rikors ġuramentat u li mis-sentenza in segwitu għal dak ir-rikors jista' jsir appell.

Huwa importanti li jiġi apprezzat li fi proċedura bħal dik odjerna l-Qorti hi marbuta li l-analiżi li għandha ssir għandha tkun waħda strettament fil-parametri tal-Artikolu 836.

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet ġenerali l-Qorti ser issa tgħaddi sabiex tikkonsidra s-subinċiżi li ai termini tagħhom ir-rikorrenta qed tadixxi lill-Qorti għar-revoka tal-mandat *de quo* u ċjoè Artikolu 836(1)(d)u (f) tal-Kap. 12.

**Artikolu 836 (1) (d)**

Dan l-Artikolu jipprovdi illi: " *(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin: - Omissis - (d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;* "

Huwa evidenti illi sabiex talba għar-revoka tirnexxi taħt din il-kappa jeħtieġ illi mad-daqqa t'għajn, u mhux wara is-smigħ ta' provi estensivi u trattazzjonijiet approfonditi, jirriżulta li l-ammont mhux ġustifikat jew li l-ammont huwa eċċessiv. Huwa għalhekk li dan is-subinċiż jagħmel referenza għall-kliem *prima facie*. In tema legali ssir referenza għall-provvediment mogħti fejn ingħad: "*Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat.*"[9]

---

[9] Theresa Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart (Rik nru 336/2005), 29 ta' Lulju 2005

Ingħad ukoll illi *"[...] biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għattħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat [Ara, per eżempju, PA GV 6.12.1999 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.]"*[10]

Fil-każ odjern ir-rikorrenta tafferma illi l-ammont kawtelat, ta' tmien miljuni u tliet mija u disgħa u sittin elf u tmien mija u ħamsa u disgħin ewro (€8,369,895), ma hux *prima facie* ġustifikat għaliex l-ammont huwa wieħed assurd meta tqis dak dikjarat mill-istess intimata fl-*audited accounts* kif ukoll meta tqis dak illi ġie ddepożitat mill-banek sussegwentement għall-mandat ta' sekwestru li kien inħareg kontra l-intimata fuq talba tar-rikorrenta. Targumenta wkoll li l-intimata ma ppreżentat l-ebda dokument mar-rikors għall-ħruġ tal-mandat li bih spejgat kif waslet għal ammont minnha pretiż. Minħabba f'dan qed targumenta li l-ammont mitlub ma hux *prima facie* ġustifikat fit-termini tas-subinċiż (1)(d) tal-artikolu 836.

Fl-ewwel lok jiġi senjalat illi din il-Qorti ma taqbel xejn mal-argument tar-rikorrenta li l-mandat kellu jinkludi fih dokumentazzjoni li turi kif l-intimata waslet għal ammont indikat. Meta l-Artikolu 836(1)(d) jipprovdi dwar "*ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat*" ma hux qed jesiġi illi t-talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju tirrikjedi evidenza tanġibbli. Huwa biżżejjed għall-finijiet ta' mandat kawtelatorju li jintwera illi s-sekwestrant għandu dritt ta' azzjoni li jimmerita l-kawtela kontemplata fil-liġi. Il-ħtieġa tal-prova konkreta f'dan l-istadju kif qed issostni r-rikorrenta ma tirriżultax li hi legalment *fondata*.

Barra minn hekk din il-Qorti lanqas ma tqis illi l-evalwazzjoni dwar jekk l-ammont hux ġustifikat jew le, għandha tkun ibbażata fuq l-ammont iddepożitat mill-banek premezz taċ-ċedoli. Dan qed jingħad billi mill-atti huwa ben ċar li ċ-ċedoli depożitati mill-banek – kemm dawk fil-konfront tal-kontijiet tar-rikorrenta u kemm dawk fil-konfront tal-

[10] C & F Building Contractors Limited vs. Emanuel Farrugia (Rik. Nru 545/2014 JRM), 25 t'Awwissu 2018

intimata huma f'ammonti ferm żgħar li żgur ma jirriflettix l-istat finanzjarju tal-partijiet.

Tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti fliet l-*Annual Reports* tal-intimata inkluż id-dikjarazzjoni tad-Diretturi annessi mal-istess rapporti. Qieset ukoll ix-xhieda mogħtija mill-esperti *ex parte* tal-partijiet. Mad-daqqa t'għajn jirrizulta li l-valur tal-intimata kif dikjarat fir-rapport esebit għas-sena 2020[11] huwa ta' erba' mija u ħmistax-il elf u seba' mija u erbgħin ewro (€415,740). Meta dan l-ammont jiġi mmultiplikat b'ħamsa – kif sar mill-intimata u kif jirriżulta spjegat fir-risposta tagħha tal-ammont pretiż minnha – l-ammont li jirriżulta huwa ferm anqas mill-ammont li għalih intalab il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru odjern.

Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti tqis illi t-talba kif msejsa fuq l-Artikolu 836 (1)(d) hija ġustifikata, b'dan però illi l-ammont ser jiġi mnaqqas għal żewġ miljuni u tmienja u sebgħin elf u seba' mitt ewro (€2,078,700).[12]

**Artikolu 836 (1) (f) Kap. 12**

L-Artikolu 836(1)(f) jipprovdi li l-Qorti tista' tordna t-tħassir ta' mandat kawtelatorju f'każ fejn *"jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Illi kif dejjem ġie retenut minn dina l-Onorabbli Qorti, din id-dispożizzjoni msemmija timplika li, wara l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ ukoll mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ.

Ġie repetutament ritenut li fi proċeduri bħal dak odjern jinkombi fuq ir-rikorrenti sabiex tipprova li tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha speċjali tal-każ mhux raġjonevoli li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għandu jibqa' fis-seħħ u li xi waħda mill-ħtiġijiet għall-ħruġ tal-mandat m'għadhiex teżisti. Barra minn hekk minn kliem il-liġi stess joħroġ ċar li

---

[11] A fol 68 tal-proċess

[12] Il-valur tas-socjetà kif iddikjarat fis-sena 2020 multiplikat b'ħamsa.

sabiex jitwarrab Mandat jew parti minnu abbażi ta' dan is-subartikolu, hu meħtieġ li jkun hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi mid-data tal-ħruġ tal-Mandat[13].

Meta qieset l-fatti kollha quddiemha din il-qorti tqis li r-rikorrenta ma seħħilhiex turi li kien hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi li jwassal sabiex din il-Qorti tordna r-revoka tal-mandat.

Għar-rigward tat-talba għall-impożizzjoni tal-penali ai termini tal-Artikoli 836(8) tal- Kapitolu 12, din l-Qorti tagħraf illi din hija sanzjoni fakoltattiva, imħolliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera għas-sodisfazzjoni tagħha, li seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba mill-liġi għall-impożizzjoni tal-istess sanzjoni, u ċjoè s-subinċiżi (a) sa (d), tal-Artikolu 836(8) tal-Kap.12.

Dan ifisser li l-Qorti hija tenuta li timponi dawn il-penali fejn jirriżultaw l-estremi tal-liġi fuq indikati. Dan huwa artikolu ta' ordni pubblika bl-iskop li jiġi assikurat is-serjetà tal-proċess ġudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jiġix użat abbużivament. Infatti huwa ormai stabbilit illi dwar l-impożizzjoni tal-penali, hija sanzjoni fakoltattiva u l-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Però minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal- Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (5) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal- Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata sabiex tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż. [14]

Fil-każ odjern din il-Qorti tqis illi l-estermi għal impożizzjoni tal-penali ma jirriżultawx u għalhekk ser tiċħad din it-talba.

**Provvediment**

---

[13] Gasan Mamo Insurance Limited et vs Roc A Go Crane Services Limited et, Provvediment 6 ta' Frar 2014

[14] Carmel Farrugia u martu Lucija Farrugia vs Charmaine Farrugia f'isimha proprju u f'isem binha minuri Francesco" deċiża fit-2 t'Awwissu 2012 per Onor Imħallef Dr. J.R. Micallef, "Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited" deċiża fit-13 ta' Marzu 2003, per Onor Imħallef Dr. T. Mallia.

In vista tal-premess u għal motivi espressi din il-Qorti qed:-

i) tiċħad it-talba għar-revoka tal-mandat però tirriforma l-ammont fil-mandat billi tnaqqsu għas-somma ta' żewġ miljuni u tmienja u sebgħin elf u seba' mitt ewro (€ 2,078,700).

ii) tiċħad it-tieni talba.

Tordna notifika ta' dan id-digriet lill-Banek sekwestratarji kollha.

L-ispejjeż għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur